**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL. D. Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru: 53/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Luke Vella**
**Kevin Joseph Zerafa**
**Rennie Fava**

**<u>Illum, 17 ta' Ottubru 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **LUKE VELLA,** Vella Luke iben Brian u Sonia (Maria Assunta) xebba Falzon, imwieled Pieta' fil-11 ta' Diċembru tas-sena 1995, residenti Nru. 46, Misraħ is-Sliem, Żabbar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru **520895M, KEVIN JOSEPH ZERAFA** iben Saviour u Helen xebba Brincat, imwieled Pieta' fit-03 ta' Ġunju tas-sena 1984, residenti San Spiridione F/H, Triq tal-Gardiel, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru **290584M, u RENNIE FAVA** iben Paul u Josephine xebba Zammit, imwieled Pieta' fis-26 ta' Marzu tas-sena 1994, residenti nru. 74, Triq San Guzepp, Sqaq nru.3, Żabbar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru **148994M,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**L-EWWEL (1) KAP**

***Pussess ta' ta' raża u ħaxixa tal-Cannabis mhux għall-użu esklussiv tal-akkużati***

Illi nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) il-pulizija tal-iskwadra ta' konta d-drogi kellha nformazzjoni kunfidenzjali li kienet se ssir attivita' illeċita relatata mat-traffikar ta' droga fl-inħawi ta' Ħal Luqa fejn skont l-imsemmija nformazzjoni kien hemm involuti ċertu Dylan Azzopardi, ċertu Luke Vella qua wieħed mill-akkużati kif ukoll xi terzi persuni li f'dak l-istadju isimhom ma kienx magħruf.

Illi frott din l-informazzjoni l-Pulizija għamlet sorveljanza ġewwa Ħal Luqa, speċifikatament fl-inaħawi ta' Triq Andre' Vassallo fejn għall-ħabta ta' bejn is-siegħa (01.00) u s-siegħa u nofs (01.30) ta' filgħodu tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) ġiet innutata vettura suspettuża tal-għamla Daewoo Matiz targata FDK471.

Illi minn aktar sorveljanza fuq l-imsemmija vettura ġie deċiż li l-istess tiġi mwaqqfa meta dehret ħierġa l'barra mill-imsemmija akwati. Illi dina l-vettura filfatt twaqqfet permezz ta' żewġ vetturi misjuqa mill-Pulizija, waħda tas-servizz u oħra tal-kiri. Illi malli l-Pulizija jdentifikaw rwieħom bħala tali, meta avviċinaw l-msemmija vettura Daewoo Matiz it-tlett persuni li kien hemm fiha taw is-salt u ppruvaw jaħarbu minn fuq il-post iżda kien kollu għalxejn għaliex il-Pulizija irnexxielha żżommhom u tarrestahom. Illi s-sewwieq tal-vettura ġie jdentifikat bħala **Rennie Fava** filwaqt li l-persuni l-oħra ġew identifikati bħala **Luke Vella** u **Kevin Joseph Zerafa** qua l-akkużati f'din il-att tal-akkuża.

Illi minn aktar investigazzjoni ergo tfittxija li saret fl-imsemmija vettura Daewoo Matiz il-Pulizija elevat, fost affarijiet oħra, baskett li fih kien hemm ammont ta' pakketti mdaqqsin u mdawrin bit-*tape* u *stretch and seal*, suspettati li setgħu kienu jikkontjenu r-raża tal-Cannabis kif ukoll sustanza oħra ħadranija susspettata ħaxixa

tal-Cannabis. Illi mas-sejba ta' dina s-sustanza l-Pulizija nfurmat lil Maġistrat tal-għassa li minn naħa tagħha dlonk ħatret numru ta' esperti biex jassistu u jippreżervaw kull prova u evidenza li kienet preżenti fuq ix-xena tad-delitt.

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert tal-Qorti fuq is-sustanza li nstabet fil-vettura *de quo* ġie kkonfermat li l-ħaxix ta' lewn aħdar kien filfatt ħaxixa tal-Cannabis bil-piż ikun dak ta' sitta u sittin punt tlieta u tmenin (66.83) bil-purita' ta' ċirka sebgħa fil-mija (7%). Illi fir-rigward tal-pakketti l-oħra fil-forma ta' blokkok ġie kkonfermat li jikkontjenu r-raża tal-Cannabis fl-ammont nett ta' ċirka tlett kilogrammi u erba' mitt grammi (3.4kg) bil-purita' ta' ċirka sebgħa fil-mija (7%);

Illi b'għemilhom l-akkużati **Luke Vella, Rennie Fava** u **Kevin Joseph Zerafa** saru ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom il-ħaxixa u r-raża tal-cannabis meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollhom l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli, u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tagħhom**;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubbklika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmija akkużati **Luke Vella, Rennie Fava** u **Kevin Joseph Zerafa** ħatja talli kellhom fil-pussess tagħhom kemm ħaxixa kif ukoll ir-raża tal-cannabis meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali

tal-ġvern **f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tagħhom** bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużati **Luke Vella, Rennie Fava** u **Kevin Joseph Zerafa** u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tiegħu hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2**, **8(a)(d), 13, 14, 22(1)(a)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 22A, 24 , 24A, 26** u **28** tal-**Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi**, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u r-regola **9** tal-**liġi sussidjarja 101.02** u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, il-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**,** jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużati **Luke Vella, Rennie Fava** u **Kevin Joseph Zerafa**.

Illi fil-każ tal-akkużat **Luke Vella**, kemm il-darba jinsab ħati jkun irrenda ruħu reċediv skont l-**artikoli 49 u 50** tal-Kodiċi Kriminali, il-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## IT-TIENI (2) KAP

*Assoċjazzjoni bil-għan li jagħmlu delitt*

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u cioe fil-lejl ta' bejn is-sebgħa u għoxrin (27) u s-sigħat bikrin tal-għodwa ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u fil-jiem ta' qabel l-akkużati ftehmu flimkien sabiex iwettqu serqa mill-fond ta' ċertu Dylan Azzopardi senjatament mill-fond bl-isem ta' Pranant House, li jinsab ġewwa Triq Andre' Vassallo, Luqa. Illi in eżekuzzjoni tal-pjan miftiehem l-akkużati **Luke Vella** u **Kevin Joseph Zerafa** daħlu mill-fond li jinsab biswit l-imsemmi fond, qalgħu ċangun mill-ħajt diviżorju sabiex ikollhom aċċess għall-imsemmi fond, filwaqt li l-akkużat **Rennie Fava** baqa' fil-vettura Daewoo Matiz.

Illi l-akkużati rnexxielhom jidħlu fil-fond tal-imsemmi Azzopardi fis-satra tal-lejl fejn serqu baskett li kien jikkontjeni d-droga, liema baskett ġie elevat mill-pulizija mill-vettura Daewoo Matiz li twaqqfu biha l-akkużati meta ġew arrestati b'dana illi l-għan ewlieni ta' dina l-assoċjazzjoni ġie kkunsmat u eżegwit fl-intier tiegħu. Illi jirriżulta li ġewwa l-baskett kien hemm il-fuq minn tlett kilogrammi tad-droga Cannabis li dak iż-żmien kienet tiswa madwar tmienja u sittin elf ewro (€68,000) b'dana illi s-serqa kommessa hija kkwalifikata, bil-mezz peress li neħħew iċ-ċangatura ta' fond ieħor biex kisbu l-aċċess fil-fond mertu dawn il-proċeduri, bil-lok peress li l-fond huwa kkunsidrat bħala dar ta' abitazzjoni, bil-ħin peress li tali serqa twettqet bil-lejl, kif ukoll bil-valur peress li l-valur tal-oġġett misruq mill-imsemmi fond jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

Illi b'għemilhom l-akkużati **Luke Vella, Rennie Fava** u **Kevin Joseph Zerafa** saru ħatja talli, nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u fil-jiem ta' qabel, assoċjaw rwieħhom flimkien bil-għan illi jikkommettu serqa mill-fond bl-isem ta' Pranant House, fi Triq Andre' Vassallo, Ħal Luqa fejn irnexxilhom jaċċedu l-imsemmi fond u jisirqu minnu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmija akkużati **Luke Vella, Rennie Fava** u **Kevin Joseph Zerafa** ħatja talli nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u fil-jiem ta' qabel, assoċjaw rwieħhom flimkien bil-għan illi jikkommettu serqa mill-fond bl-isem ta' Pranant House, fi Triq Andre' Vassallo, ġewwa Ħal Luqa;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużati **Luke Vella, Rennie Fava** u **Kevin Joseph Zerafa** u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija minn seba' (7) xhur sa ħames (5) snin u l-konfiska tal-oġġetti kollha li ntużaw biex għamlu d-delitt skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 23, 48A(1), 261(b)(ċ)(e)(f), 279(b)** u **280(2)** u **533**, u fil-każ

ta' **Luke Vella** ħati talli rrenda ruħu reċediv skont l-**artikoli 49 u 50** tal-Kodiċi Kriminali, il-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużati **Luke Vella, Rennie Fava** u **Kevin Joseph Zerafa**.

## IT-TIELET (3) KAP
*Pussess ta' strument li jaqta u bil-ponta*

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fil-Kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe fil-lejl ta' bejn is-sebgħa u għoxrin (27) u s-sigħat bikrin tal-għodwa ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) wara li l-Pulizija ddeċidiet li tinterċetta lill-akkużati fi Triq Monsinjur Giuseppi Debono ġewwa Ħal Luqa għal-aktar stħarriġ, l-akkużati taw is-salt biex jaħarbu minn fuq il-post bit-tlieta li huma joħorġu mill-vettura u jitilqu jiġru. Illi jirriżulta li waqt is-segwiment u tfittxijiet ulterjuri li saru fuq l-akkużati waqt l-arrest irriżulta li t-tlieta li huma kellhom fil-pussess tagħhom sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi b'għemilhom l-akkużati **Luke Vella, Rennie Fava** u **Kevin Joseph Zerafa** saru ħatja talli, nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), kienu fil-pussess ta' sikkina u/jew ta' strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr liċenzja jew permess tal-Pulizija biex iġorru tali strumenti.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmija akkużati **Luke Vella, Rennie Fava** u **Kevin Joseph Zerafa** ħatja talli nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), ġewwa Ħal Luqa, kienu fil-pussess ta' sikkina u/jew ta' strument ieħor li jaqta' jew bil-ponta dana mingħajr ma kellhom il-liċenzja jew permess tal-Pulizija;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużati **Luke Vella, Rennie Fava** u **Kevin Joseph Zerafa** u illi jiġu kkundannati multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin

ċenteżmu (€116.47) u l-konfiska ta' tali strumenti skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 6, 51(7)** u **56** tal-Att dwar l-Armi, il-Kapitolu 480 tal-liġijiet ta' Malta u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, il-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużati **Luke Vella, Rennie Fava** u **Kevin Joseph Zerafa**.

Illi fil-każ tal-akkużat **Luke Vella**, kemm il-darba jinsab ħati jkun irrenda ruħu reċediv skont l-**artikoli 49 u 50** tal-Kodiċi Kriminali, il-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**IR-RABA (4) KAP – fil-konfront ta' Rennie Fava u Luke Vella**
***Pussess mhux ġustifikat ta' għoddod***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fil-Kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe fil-lejl ta' bejn is-sebgħa u għoxrin (27) u s-sigħat bikrin tal-għodwa ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) wara li l-Pulizija interċettat u arrestat lill-akkużati fi Triq Monsinjur Guseppi Debono ġewwa Ħal Luqa, fit-tfittixijiet li saru ġewwa l-vettura, il-Pulizija elevat għoddod li huma kompatibbli mal-mezz li ntuża biex l-akkużati kisbu l-aċċess fil-fond derubat meta qalgħu iċ-ċangaturi tal-ħajt diviżorju.

Illi b'għemilhom l-akkużati **Luke Vella** u **Rennie Fava** saru ħatja talli, nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), kienu fil-pussess ta' għoddod tajbin għal ftuħ jew sgassar mingħajr ma taw kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu kienu jinsabu għandhom f'dak il-ħin bikri tal-lejl ġewwa l-imsemmija vettura.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmija akkużati **Luke Vella** u **Rennie Fava** ħatja talli nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), ġewwa Ħal Luqa, kienu fil-pussess ta' għoddod tajbin għal ftuħ jew

sgassar mingħajr ma taw kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu kienu jinsabu għandhom f'dak iż-żmien;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużati **Luke Vella** u **Rennie Fava** u illi jiġu kkundannati għall-piena ta' tlett (3) xhur priġunerija skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 23, 49, 287** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, il-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużati **Luke Vella** u **Rennie Fava**.

Illi fil-każ tal-akkużat **Luke Vella**, kemm il-darba jinsab ħati jkun irrenda ruħu reċediv skont l-**artikoli 49 u 50** tal-Kodiċi Kriminali, il-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**IL-ĦAMES (5) KAP – fil-konfront ta' Rennie Fava waħdu**
***Ħsara involontarja***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fil-Kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe fil-lejl ta' bejn is-sebgħa u għoxrin (27) u s-sigħat bikrin tal-għodwa ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) jirriżulta li meta l-Pulizija żgumbrat u għalqet Triq Monsinjur Giuseppi Debono ġewwa Ħal Luqa bil-vetturi tagħhom Ford Fiesta DQZ491 u Opel Astra BBW162 rispettivament, bil-għan li jwaqqfu l-vettura Daewoo Matiz misjuqa mill-akkużat **Rennie Fava**, l-istess akkużat, b'nuqqas ta' ħsieb u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-sewqan, ikkaġuna u għamel ħsara fl-imsemmija vetturi meta ddeċieda li jibqa' jsuq direttament fil-vettura tal-Pulizija biex jipprova jaħrab minn fuq il-post.

Illi b'għemilu l-akkużat **Rennie Fava** sar ħati talli, nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), saq il-vettura Daewoo Matiz targata FDK471 b'manjiera perikoluża; kif ukoll talli b'konsegwenza ta' dan l-aġir, b'nuqqas ta' ħsieb u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna u għamel ħsara fil-vetturi tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-akkużat **Rennie Fava** ħati talli nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), ġewwa Ħal Luqa, saq vettura b'manjiera perikoluża kif ukoll talli b'nuqqas ta' ħsieb u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-sewqan, ikkaġuna u għamel ħsara fuq żewġ vetturi li kienu qed jagħmlu użu minnhom il-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Rennie Fava** u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' sena (1) priġunerija u multa ta' elf u mitejn (1,200) ewro, kif ukoll l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal tmint ijiem skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 15(1)(a)(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku,** il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll **fl-artikoli 15A, 17, 31, 49, 328(d)** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, il-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Rennie Fava**.

**IS-SITT (6) KAP – fil-konfront ta' Rennie Fava waħdu**
*Pussess ta' arma tan-nar*

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fil-Kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe fil-lejl ta' bejn is-sebgħa u għoxrin (27) u s-sigħat bikrin tal-għodwa ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) wara li l-Pulizija interċettat u arrestat lill-akkużati fi Triq Monsinjur Giuseppi Debono ġewwa Ħal Luqa ssoktat bl-investigazzjoni tagħha. Illi minn tfittxija li saret fil-fond tal-akkużat **Rennie Fava**, il-Pulizija elevat arma tan-nar.

Illi skont l-espert ballistiku tal-Qorti tali arma setgħet tispara bullets ta' vera. Illi minn aktar stħarriġ irriżulta li l-akkużat ma kellux liċenzja u/jew permess tal-Pulizija biex ikun fil-pussess ta' tali arma.

Illi b'għemilu l-akkużat **Rennie Fava** sar ħati talli, nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u fil-jiem ta' qabel, kien fil-pussess ta' arma tan-nar mingħajr liċenzja jew permess tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-akkużat **Rennie Fava** ħati talli nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u fil-jiem ta' qabel, kien fil-pussess ta' arma tan-nar dana meta ma kellux liċenżja u permess tal-Pulizija li tippermettilu jkun fil-pussess ta' tali arma tan-nar;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Rennie Fava** u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien mhux anqas minn tlett (3) xhur u mhux iżjed minn ħames (5) snin skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 5(1), 51(2)** u **56** tal-Att dwar l-Armi, il-Kapitolu 480 tal-liġijiet ta' Malta u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, il-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Rennie Fava**.

## F'KAŻ TA' VERDETT TA' ĦTIJA

### IS-SEBA' (7) KAP – fil-konfront ta' Rennie Fava
***Ikkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża***

Illi nhar is-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-akkużat **Rennie Fava** kien instab ħati u weħel tmintax-il (18) xahar priġunerija, liema perjodu ġie sospiż għal erba' (4) snin skont l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll multa ta' sitt elef (6,000) ewro.

B'dana li hekk kif spjegat fil-Kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża, l-akkużat **Rennie Fava** ġie akkużat talli fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u fil-jiem ta' qabel b'assoċja ruħu mal-akkużati l-oħra biex jikkommettu serqa b'dana li spiċċaw fil-pussess ta' ammont konsiderevoli ta' droga fost l-oħrajn, f'liema

data l-akkużat **Rennie Fava** kien għadu qed jibbenifika minn perjodu operattiv ta' sentenza sospiża.

Illi b'għemilu, **Rennie Fava** sar ħati talli kkommetta tali reati matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża tas-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015).

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost jakkuża lil **Rennie Fava** ħati talli fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u fil-jiem ta' qabel, ikkommetta reati li jġorru piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża li ngħatat fil-konfront tiegħu nhar tas-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u dan bi ksur tal-**artikolu 28A** tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

u jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkużat **Rennie Fava** u illi l-Qorti tordna li il-perjodu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija sospiżi jidħlu fis-seħħ, skont dak li hemm u jintqal fl-**artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, il-Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta' Malta.

**IT-TMIEN (8) KAP – fil-konfront ta' Kevin Joseph Zerafa**
***Ikkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża***

Illi nhar it-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) l-akkużat **Kevin Joseph Zerafa** kien instab ħati u weħel tmintax-il (18) xahar priġunerija, liema perjodu ġie estiż għal erba' (4) b'sentenza ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013).

B'dana li hekk kif spjegat fil-Kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża, l-akkużat **Kevin Joseph Zerafa** ġie akkużat talli fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u fil-jiem ta' qabel b'assoċja ruħu mal-akkużati l-oħra biex jikkommettu serqa b'dana li spiċċaw fil-pussess ta' ammont konsiderevoli ta' droga fost l-oħrajn, f'liema

data l-akkużat **Kevin Joseph Zerafa** kien qed jibbenifika minn perjodu operattiv ta' sentenza sospiża.

Illi b'għemilu, **Kevin Joseph Zerafa** sar ħati talli kkommetta tali reati matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost jakkuża lil **Kevin Joseph Zerafa** ħati talli fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u fil-jiem ta' qabel, ikkommetta reati li jġorru piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża li ngħatat fil-konfront tiegħu nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) u dan bi ksur tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

u jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkużat **Kevin Joseph Zerafa** u illi l-Qorti tordna li l-perjodu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija sospiżi jidħlu fis-seħħ, skont dak li hemm u jintqal fl-**artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, il-Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari ta' Luke Vella u Rennie Fava, pprezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' Novembru, 2023:

1. Illi preliminarjament din I-Onorabbbli Qorti ghandha tiddikjara n-nullita tal-proceduri tal-kumpilazzjoni u dan peress illi d-Digriet tal-prima facie mhux wiehed car inkwantu ma jispecifikax b'mod car ghal liema mit-tliet akkuzati jirreferi, anke peress illi l-Qorti Struttorja naqset milli tingassa dak li mhux applikabbli ghal kaz, fil-formola appozita, (hekk kif evidenzjat mid-Dokument ezebit a Fol 188 tal-atti processwali). Illi di piu, l-verbal tal-istess Qorti f'dan ir- rigward ukoll ma jitfa l-ebda dawl ghal liema mit-3 akkuzati jirreferi, stante illi a Fol 172, il-Qorti, b'referenza ghal l-akkuzi kif korretti qalet biss 'Inghata Digriet prima facie' minghajr ma specifikat a rigward ta' min mit-tlett akkuzati kienet qed tirrferi;

2. Illi fit-tieni lok, l-akkuzati qieghed jecepixxu n-nullita tal-att tal-akkuza ai termini tal-Artikolu 597 (4) tal-Kap 9 stante li l-ezami tal-akkuzat li jnsab a Fol 28 tal-Atti processwali ma sarx skont dak li jipprovdi l-Artikolu 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta llum, u cioe fejn "il-*Qorti tistaqsih ismu u kunjomu, kemm-il sena għandu, fejn twieled u fejn joqgħod, is-sengha, professjoni jew stat ieħor tiegħu**, l-isem u kunjom tal-ġenituri,u jekk humiex hajjin jew mejtin."*** Illi stante illi l- ezami tal-imputat huwa element holistiku, ladarba dan ma sarx skont l-artiklu 392 tal-Kap 9 u cioe stante lill-Qorti a fol. 16 **staqsiet biss x'inhu l-isem missier l-akkuzat odjern u jekk hux haj jew mejjet**, seta' jigi sanat biss billi jerga' jsir l-ezami mill-gdid fl-intier tieghu u allura la ma regax sar u d-difett ma giex sanat daqs li kieku r-rekwizit fl-Artikolu 392 tal-Kap 9 ma giex osservat u dana jimporta in-nullita tal-att tal-akkuza ai termini tal-Artikolu 597(4) tal-Kap 9;

3. Illi t-tieni Kap t'Akkuza huwa wkoll null u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna illi jigi kkancellat, u dan peress illi kif jirrizulta mill-parti narattiva stess, huwa car illi l-Avukat Generali qed jakkuza lil akkuzati bir-reat tal-assocjazzjoni ta' serq ta' oggett illecitu ossia droga, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur tal-oggett misruq. Dan qed jigi sottomess in kwantu taht il-ligi taghna din l-akkuza hija legalment insostenibbli in kwantu persuna ma tistax tigi akkuzata li kkomettiet reat ta' oggett li fin- natura tieghu huwa illecitu;

4. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-isfilz tas-sustanza raza tal-Cannabis ezebita u mmarkata bil-Kodici tal-Laboratorju Exhibit No 16 ALG 201a_FP, u dan flimkien mad-depozizzjonijiet u r-relazzjonjiet tax-xhud Xjenzjat Godwin Sammut, flimkien ma' kull depozizzjoni u rapport ta' esperti/xhieda relatati maghha direttament jew indirettament u dan stante illi:

i. din is-sustanza giet ezaminata fl-laboratorju mhux akkreditat, minn persuna li anqas ma hija akkreditata, u dan bi ksur tad-drittijet tal-akkuzati;

ii. mhux biss ma giex segwit dak rikjest mill-Avviz Legali 121/2002 tal-Kap 9, (li jistipula illi a tenur tal-Artikolu 669 (2) tal-Kap 9 ir-Registratur tal-Qrati Kriminali, bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali, innomina lid-Direttur tas-Sahha sabiex izomm f'ismu l-medicinali perikoluzi meta dawn inzammu taht il-kustodja tad-Dirrettur tal-Qrati), illi talli tali inosservanza taghti lok **ukoll** ghal difett procedurali serju dwar il-kontinwita' ta' evidenza li allura hija ukoll difettuza;

5. Illi bid-dovut rispett din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-isfilz tad- depozizzjoni tax-xhud Ryan Tonna a Fol u wkoll dik tat-tabib Mario Scerri, flimkien mar-rapport tieghu (ezebiti a Fol 220 et seq) li propju tirreferi ghal 1- istess xhud, (stante illi dan ix-xhud li kien membru tal-Korp tal-Pulizija fl- Iskwarda Kontra d-Droga, waqt l-arrest allegatament sofra griehi ta' natura hafifa meta l-vettura li kien fiha sfat allegatament milquta mill-vettura Chevrolet Matiz FDK 471 li fiha kien hemm l-akkuzat) u dan peress illi minkejja li huwa gie ndikat bhala xhud fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Generali, ix-xhud Ryan Tonna ghadda ghal hajja ahjar u konsegwentement ma jistax jiddeponi;

6. Illi ghandu jkun hemm l-isfilz tad-Dokument mmarkat bhala JR3, ezebit minn John Refalo a Fol 366, konsistenti f'Rapport ossia NPS Report, u dan peress illi dan l-istess rapport qatt ma gie kkonfermat minn Ufficjal tal-Pulizija. Di piu, dan ir-rapport jikkontjeni fih dikjarazzjoni tal-akkuzat Rennie Fava, liema dikjarazzjoni jidher li ttiehdet minghajr ma huwa inghata d-debita twissija u minghajr d-dritt tal-konsulenza legali;

7. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha wkoll tghaddi biex tisfilza s-sentenzi fl- ismijiet Il-Pulizija vs Kevin Zerafa (Dok SCT 3 u SCT 4) a fol. 716 et seq tal-atti, u dana minhabba l-fatt illi minkejja li ttellghet Stefania Calafato Testa xhud (vide Fol 704 A), ma hemm xejn x'jindika li din s-sentenza hija wahda finali u li cioe li ghaddiet in gudikat, u dan in linea mal- gurisprudenza ricenti tal-Qrati taghna, senajatment is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charlene Gatt, deciza per Onor Mhallef Aaron Bugeja il-25.02.21;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari ta' Kevin Joseph Zerafa, pprezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' Novembru, 2023 u li hija identika ghan-nota t'eccezzjonijiet tal-akkuzati Luke Vella u Rennie Fava *supra*.

Rat ir-risposti tal-Avukat Generali ntavolati fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Marzu, 2024.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Lulju, 2024, l-avukati difensuri rrimettew ruhhom ghan-nota t' eccezzjoniiet taghhom u l-Avukat Generali ukoll strieh fuq ir-risposti minnu ntavolati.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti sejra tibda billi tghid illi hekk kif l-eccezzjonijiet imressqa minn l-akkuzati Luke Vella u Rennie Fava huma identici ghall-eccezzjonijiet imressqa mill-akkuzat Kevin Joseph Zerafa, dak li ser tipprovdi dwar l-eccezzjonijiet b'mod kronologiku japplika ghall-akkuzati kollha.

Permezz **tal-ewwel eccezzjoni preliminari**, l-akkuzati Vella u Fava qed jilmentaw illi din il-Qorti ghandha tiddikjara n-nullita' tal-proceduri tal-kumpilazzjoni u dan peress illi d-digriet tal-*prima facie* mhux car ghal-liema mit-tlett akkuzati qieghed jirreferi u anke peress illi l-Qorti stuttorja naqset milli tingassa dak li mhux applikabbli ghall-kaz fil-formola appozita. L-akkuzati jsostnu li lanqas il-verbal ma jispecifika ghal min mill-akkuzati kienet qeghda tirreferi.

Illi l-ligi f'dan ir-rigward tipprovdi s-segwenti:

> *401. (1) Il-kompilazzjoni għandha tingħalaq fi żmien xahar, illi, għal raġuni tajba, jista' jiġi mġedded mill-President ta' Malta għal perijodi*

*oħra kull wieħed minnhom ta' xahar, u kull tiġdid bħal dan għandu jsir fuq talba bil-miktub magħmula mill-qorti:*

*Iżda ż-żmien fuq imsemmi m'għandux b'kollox jiġi hekk imġedded għal aktar minn tliet xhur:*

*Iżda wkoll kemm-il darba ma jkunx ingħata l-ħelsien mill-arrest, l-akkużat għandu jinġieb quddiem il-qorti għall-anqas darba kull ħmistax-il ġurnata sabiex il-qorti tiddeċidi jekk għandux jibqa' arrestat.*

***(2) Meta tingħalaq il-kompilazzjoni, il-qorti tiddeċidi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Fl-ewwel każ, il-qorti, tibgħat l-imputat biex jitqiegħed taħt dak l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, u, fit-tieni każ, tordna l-liberazzjoni tiegħu.***

In oltre, din il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 597 tal-Kodici Kriminali. Din id-dispozizzjoni tipprospetta l-possibilita li att ta' akkuza jigi attakkat meta jkun hemm difett li jkun jikkonsisti fin-nuqqas tar-rapport tal-pulizija, fin-nuqqas tal-ezami tal-imputat, jew fin-nuqqas tad-decizjoni li l-imputat ghandu jitqieghed taht att ta' akkuza. Illi eccezzjonijiet bazati fuq din id-dispozizzjoni tal-Ligi huma sollevabbli *ex officio* fil-fatt hekk ghamlet il-Qorti Kriminali fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Saviour Azzopardi et.**[1]

*Di piu'*, fis-sentenza **ir-Repubblika ta' Malta vs Noel Zarb**[2] kien gie ritenut is-segwenti dwar id-digriet *prima facie*:

[1] Fis sentenza datata 13 ta' Lulju 2006.
[2] Fis-sentenza datata 17 ta' Ottubru 2011.

*'ġaladarba żdiedet akkuża / imputazzjoni ġdida fuq talba tal-Avukat Ġenerali, mhux biżżejjed li jkun hemm il-prima facie dwar l-akkużi oriġinali ta' meta nbdew il-proċeduri. La reġgħu nqraw l-akkużi mill-ġdid u reġa' sar l-eżami mill-ġdid u l-akkużi inkludew akkuża ġdida, u la l-akkużat seta' jammetti xi akkuża u jgħid li mhux ħati f'oħrajn jew jammetti kollox jew jgħid li m'hu ħati ta' xejn, isegwi li l-ewwel digriet tal-prima facie mhux biżżejjed. It-tieni digriet ta' prima facie huwa neċessarju għax l-Avukat Ġenerali talab li tidħol akkuża ġdida u issa x-xenarju m'għadux jikkonsisti fl-istess akkuża u l-Qorti trid ukoll tesprimi jekk hemmx prima facie każ li l-imputat għandux jitqiegħed taħt att ta' akkuża fuq l-akkuża l-ġdida wkoll.'*

Meta ma jinghatax digriet *prima facie* skont il-ligi, dan jwassal ghan-nullita ta'l-atti kollha tal-kumpilazzjoni b'mod li l-Qorti ma tkunx tistax tiehu konjizzjoni taghhom. Madankollu, jigi mfakkar illi l-Artikolu 597(4) jistipula illi l-att tal-akkuza ma jistax jigi attakat minhabba difetti fl-atti kumpilatorji *'ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti* ***fin-nuqqas għal kollox***[3] *….. tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża'*. Illi dan mhux il-kaz f'dawn il-proceduri u dan stante li mhux kontestat illi l-Ewwel Qorti taghat digriet *prima facie*. In oltre, l-ligi mkien ma tipprovdi illi l-Qorti trid tispecifika b'mod individwali ghal-liema akkuzati qeghda tirreferi. Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fhema illi stante illi l-akkuzati huma ko-akkuzati fl-istess proceduri, l-Ewwel Qorti meta pprovdiet li qeghda taghti d-digriet *prima facie,* dan kien qieghed jinghata fil-konfront tal-akkuzati kollha. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qeghda tigi respinta.

**Fit-tieni eccezzjoni preliminari** l-akkuzati qed jecepixxu n-nullita' tal-att t'akkuza ai termini tal-Artikolu 597(4) tal-Kap. 9 stante li l-ezami tal-akkuzat ma sarx skont dak li jipprovdi l-Artikolu 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi mill-ewwel sabiex tara ezatt x'jghidu dawn l-Artikoli tal-Ligi hekk kif kwotati f'din l-eccezzjoni. L-Artikolu 597(4) tal-Kap. 9 jipprovdi s-segwenti:

[3] Enfasi ta'din il-Qorti

*'L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti* ***__fin-nuqqas għal kollox__ tal-qari tal-akkużi jew tal-eżami tal-imputat*** *jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova.'*

L-Artikolu 392(1) tal-Kap. 9, fil-prezent, jipprovdi hekk:

*'L-eżami tal-imputat, imsemmi fl-artikolu 390(1), isir, bla theddid jew twegħid, u bla ġurament, kif sejjer jingħad hawn:*

*(a) il-qorti tistaqsih ismu u kunjomu, kemm-il sena għandu, fejn twieled u fejn joqgħod, is-sengħa, professjoni jew stat ieħor tiegħu, l-isem u kunjom tal-ġenituri, u jekk humiex ħajjin jew mejtin;*
*(b) il-qorti għandha tistaqsi lill-akkużat jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-akkuża'*

Filwaqt li fl-ezami tal-akkuzati insibu '*x'jismu missieru, u jekk missieru hux haj jew mejjet*' illum il-ligi taghmel referenza ghal kelma '*genituri*' flok ghall-kelma '*missier*' biss.

Din l-emenda giet introdotta permezz tal-Att XXIII ta' 2017. L-akkuzati gew imressqa quddiem il-Qorti tal-Magistrati nhar id-29 ta' Frar, 2016 u ghalhekk l-ezami tal-akkuzati gie mehud skond il-ligi *in vigore* ta' dak iz-zmien.. In oltre, l-Artikolu 597(4) sucitat, jistipula illi l-att t'akkuza ma jistax jigi attakat hlief minhabba difetti fil-kumpilazzjoni bhan-nuqqas **__ghal kollox__** tal-ezami tal-akkuzat, xi haga li mhux

applikabbli ghal kaz odjern u dan stante li l-ezamijiet tal-akkuzati jinstabu fil-process. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qedgha tichad ukoll it-tieni eccezzjoni preliminari tal-akkuzati.

L-akkuzati permezz **tat-tielet eccezzjoni preliminari** qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara it-tieni Kap tal-Att t' Akkuza null u dan stante li taht il-ligi taghna is-serq ta' sustanza illecita hija legalment inosostenibbli in kwantu persuna ma tistax tigi akkuzata li kkommettiet reat t'oggett li fin-natura tieghu huwa illecitu.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-fatt illi l-legislatur jonqos milli jiddefinixxi r-reat ta' serq u ghalhekk jehtieg illi ssir referenza ghad-duttrina tal–Qrati taghna skond id-definizzjoni ta' dan ir-reat moghtija minn diversi guristi legali. F' diversi decizjonijiet, fosthom fil-Programma Speciale vol IV para 2017 - vide s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tanti** (Vol XXXII(e) IV/814) deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944, kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Michael Daniel Xuereb**'[4], il-Qorti taghmel referenza ghal **Carrara** fejn huwa jghallem illi s-serq huwa ***"la contrattazzione doloza di cosa altrui fatta invito domine con l' animo di farne lucro".***

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid ikun hemm l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe':

1. *La Contrattazione* – **It-tehid tal-oggett**
2. *Dolosa* – **B' qerq**
3. *Di una Cosa* – **ta' xi oggett partikoli; fil-kaz odjern droga**
4. *Altrui* – **li jappartjeni ghal haddiehor**
5. *Fatto invito domino* – **minghajr il-kunsens tas-sid**
6. *Con animo di farne lucro (animo lucrandi)* – **bl-intenzjoni l jaghmel qliegh mill-oggett misruq**

[4] Deciza nhar id-19 ta' Frar, 2014 per Onor. Imhallef M. Mallia.

Illi l-*fulcrum* ta'din l-eccezzjoni preliminari hekk kif imressqa mill-akkuzati, tirrigwardja l-fatt dwar jekk persuna tistax tigi akkuzata b'serq ta' xi haga llecita bhad-droga. Il-ligi taghna, kif diga gie ritenut *supra*, ma tatix definiazzjoni tar-reat tas-serq u lanqas ma tispecifika illi n-natura tal-haga misruqa nnifisha ghandha tkun legali.

In oltre, il-Professur Mamo fin-noti tieghu jispecifika illi ma jistax ikun hemm serq ta' *res nullius* u/jew *res derelicta,* u cioe' affarijiet jew oggetti li ma jappartjenu lil hadd jew li huma abbandunati.[5] Fil-kaz odjern, jinghad illi d-droga kienet ta' terzi u ghaldaqstant ma hemmx dubbju li din kienet oggett li tappartjeni lil haddiehor. Ma hemmx dubbju illi d-droga fl-ammont li nstabet hija xi haga illecita, madankollu dan ma jfissirx li persuna ma tistax tigi akkuzata li kkommettiet reat t'oggett li fin-natura tieghu huwa llegali.

Illi jkun opportun illi f'dan il-punt issir referenza ghas-senetenza **R v Smith**[6] deciza mill-Qorti Suprema Ingliza. F'dan il-kaz l-appellanti kienu fthemu ma persuna sabiex imorru jixtru d-droga u spiccaw sabiex serqu d-droga minghand l-istess persuna. L-appellanti ppruvaw jiddefendu lilhom nnfushom billi argumentaw illi d-droga kienet fil-pussess tal-vittma b'mod illegali u ghalhekk huma ma setghux jigu akkuzati bir-reat ta' serq. Id-decizjoni tal-Qorti ccarat illi l-illegalita' tal-pussess ma teskludix oggett milli jitqies bhala propjeta' ghal fini ta' serq. F'dan il-kaz, minkejja li l-pussess tad-droga kien illegali, d-droga nnifisha xorta wahda kienet meqjusa bhala propjeta' taht id-definizzjoni istruttorja. **L-applikazzjoni tal-ligi kriminali hija principalment ikkoncernata maz-zamma tal-paci u mhux sabiex tipprotegi d-drittijiet ta' propjeta privata**. Ghaldaqstant l-akkuzati kienu nstabu hatja u din is-sentenza kienet ukoll giet ikkonfermata fl-appell.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti qeghda tichad din l-eccezzjoni.

---

5 Pagna 297 tan-noti tal-Professur Mamo,
6 [2011] 1 Cr App R 30.

Permezz **tar-raba' eccezzjoni preliminari** l-akkuzati qed jitolbu li din il-Qorti tordna l-isfilz tas-sustanza raza Cannabis ezebita u dan flimkien mad-depozizzjonijiet u r-relazzjonijiet tax-Xjenzat Godwin Sammut, flimkien ma kull depozizzjoni u rapport ta' esperti/xhieda relatati maghha u dan stante li: i) din is-sustanza giet ezaminata f'laboratorju mhux akkreditat, minn persuna li anqas ma hija akkreditata u ii) ghax ma giex segwit dak rikjest mill-Avviz Legali 121/2002 tal-Kodici Kriminali u cioe' *in breve* tal-mod kif inzammet id-droga.

Il-Council Framework decision 2009/905/JHA kif implimentata permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.13 **mhix applikabbli ghall-akkreditazzjoni tal-Labortaorju dwar sustanzi lleciti**[7] izda biss fuq a) profil tad-DNA u b) Data dattiloskopika. F'dan ir-rigward din il-Qorti sejra tghaddi sabiex taghmel referenza ghas-sentenza ricenti deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Farrugia**[8] fejn gie ritenut hekk:

> *'10. Illi l-għan wara l-istandard ta' akkreditazzjoni hekk imsejħa ISO/IEC 17025 jippermetti lill-laboratorji juru li qegħdin joperaw b'mod kompetenti u li jiġġeneraw riżultati validi, u b'hekk isaħħu l-fiduċja fix-xogħol tagħhom kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll madwar id-dinja.* ***Dan ma jfissirx, madanakollu, illi jekk analiżi ma tkunx saret f'laboratorju akkreditat allura il-prova magħmula permezz ta' dik l-analiżi hija waħda inattendibbli jew monka fil-kontenut tagħha, u li l-konklużjonijiet milħuqa minn dik l-analiżi huma difettużi****. Illi l-valur probatorju ta' evidenża jitkejjel mill-probabbiltà li dik l-evidenza tilħaq l-iskop tagħha ta' prova ta' fatt rilevanti għal każ. Dan hu wieħed mill-elementi ewlenin tal-ammissjoni tal-provi, peress li l-provi ammessi għal ġudizzju għandhom ikunu rilevanti, u għandhom ikunu tali illi jirrendu l-fatt in ġudizzju aktar probabbli jew inqas probabbli li seħħ, tkun kemm*

[7] Enfasi ta' din il-Qorti.
[8] Deciza nhar is-26 t' April, 2023.

*tkun żgħira l-probabbiltà tagħha.* ***Dan ifisser illi diment li l-evidenza tkun rilevanti għal 'facts in issue' din m'għandiex titwarreb leġġerment sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni espressa tal-liġi li teskludi l-ammissjoni ta' dik l-evidenza bħala prova in atti, u li allura tirrendieha inammissibbli.***

*11.* ***Illi kif tajjeb mistqarr mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi li tinneċċessita illi laboratorju forensiku fejn isir l-analiżi ta'sustanzi illeċiti għandu jkun akkreditat skont l-istandard hawn fuq imsemmi.*** *Dan għaliex il-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31, u allura il-qafas regolatorju Ewropew li abbażi ta'l-istess huma imfassla dawn ir-regolamenti, japplika unikament għall-evidenza dattiloskopika u għall-analiżi tad-DNA.* ***Il-liġi hija ċara u ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni****, bir-regolament 6, imbagħad, iħalli f'idejn il-qrati nazzjonali li jaddottaw dawk ir-regoli u liġijiet li jikkonċeraw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza mqiegħda quddiemhom.*

*12. Illi l-Qorti għalhekk* ***ma tistax taqbel mal-argument miġjub 'il quddiem mid-difiża*** *fl-ewwel aggravju minnhom intentat meta ssostni illi bil-fatt illi l-prova li saret permezz tal-analiżi magħmula minn espert nominat mill-Qorti mhijiex l-aħjar prova li tista' tingħata. Dan ukoll għaliex* ***il-liġi stess ma tirrikjediex illi l-analiżi ta' droga neċessarjament ssir f'laboratorju akkreditat****. Dan hu evidenzjat iktar u iktar mix-xiehda tal-espert stess li għamel l-analiżi forensika fejn ikkonferma u allura serraħ ras il-Qorti u anke tal-partijiet illi* ***l-analiżi minnu magħmula saret b'konformita' mal-linji gwida maħruġa mill-European Network of Forensic Science Institutes, b'apparat illi huwa xorta waħda akkreditat għalkemm mhux b'mod formali, liema akkreditazzjoni ssir kull sena, biex b'hekk ma hemmx dubbju dwar il-kompetenza teknika tal-laboratorju fejn saret din l-analiżi****.* ***Dan ixejjen***

***allura l-argument tad-difiża billi huwa evidenti illi lanaliżi tad-droga saret b'tali mod illi ma tħalli ebda dubbju li hija affidabbli u professjonali. Fuq kollox il-liġi stess ma torbotx lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika li jistrieħ fuq il-konkluzjonijiet milħuqa mill-esperti tal-qorti jekk huwa tal-fehma kuntrarja. B'dan għalhekk illi finalment il-kwistjoni dwar il-valur probatorju tal-evidenza ghandħa tkun imħollija interament f'idejn il-ġurati u dan wara d-debita direzzjoni mogħtija mill-Imħallef li jkun qed jippresjedi il-ġuri.***

*13. Finalment dak mistqarr fix-xiehda tal-Inġinier Claudio Boffa ma jirreferiex fl-ispeċifiku għal prova li d-difiża qed tfittex illi xxejjen. Ix-xhud bl-ebda mod ma kien f'posizzjoni jindika jekk il-laboratorju fejn saret l-analiżi tad-droga mertu ta' dawn il-proċeduri jaqax taħt il-livell ta' akkreditazzjoni meħtieġ, kuntrarjament għal dak li jixhed l-iXjenzat Sammut li jiggarantixxi illi dawn l-istandards xorta waħda qed jintlaħqu għalkemm għad ma hemmx liġi regolanti l-akkreditazzjoni ta' laboratorji fejn issir lanaliżi tas-sustanzi illeċiti.*

*14. Illi dan ifisser illi l-appellant ma għandux raġun fl-aggravju minnu ntentat mhux biss għaliex il**-liġi stess ma tinneċċessitax l-akkreditazzjoni tal-laboratorju fejn saret l-analizi billi din tapplika biss għall-evidenza dattiloskopika u tad-DNA, iżda ukoll għaliex l-espert stess ikkonferma illi x-xogħol sar skont is-sengħa u l-arti.** Illi fuq kollox l-għan ta' din il-liġi mhijiex daqstant li tolqot is-saħħa tal-valur probatorju ta' evidenza quddiem il-qrati fil-kamp penali, iżda kif imfisser fir-regolament 4:*

***L-għan ta' dan l-Ordni huwa sabiex:***

***(a) jiġi żgurat li r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorj imwettqa minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi***

***<u>Stati Membri</u> oħrajn tal-Unjoni Ewropea jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali <u>bħala ugwalment affidabbli</u> daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi domestiċi akkreditati għall-ENISO/IEC 17025;***

***(b) li jiġi żgurat li fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tallaboratorji f'Malta jiġu akkreditati b'konformità mal-EN ISO/IEC 17025.***

*15. Fil-fatt anke l-għan wara id-Deċiżjoni Kwadru huwa illi jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalita' u dan billi fl-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet kriminali, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jipprevjenu, jikxfu u jinvestigaw b'suċċess attivitajiet kriminali bil-ħtieġa allura li jkunu stabbiliti standards komuni għal fornituri ta' servizzi forensiċi. Mhuwiex l-għan wara din il-liġi illi tistabilixxi regoli ġodda dwar l-ammissibbilta' ta' evidenza jew il-valur probatorju ta'l-istess kif speċifikat fl-artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas innifisha fejn jingħad ċar u tond illi:* ***"Din id-Deċiżjoni Qafas ma taffettwax ir-regoli nazzjonali dwar il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza."***

*16. U allura magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet huwa indubitat illi* ***mhux biss l-liġi li jagħmel referenza għaliha l-appellant ma ssibx applikazzjoni għall-eżamijiet forensiċi li saret fuq is-sustanza illeċita mertu ta' dawn il-proċeduri, <u>iżda tali fatt ċertament ma jista' bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni iwassal għal xi nullita' fil-proċeduri.</u>*** *Illi dwar dawk iċ-ċirkostanzi li jġibu n-nullita' tal-att ta'l-akkuża minħabba difetti fl-atti kumpilatorji u li jistgħu jwasslu sabiex il-każ ma jistax jimxi 'il quddiem, jitkellem l-*

*artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali li jġib fix-xejn l-att ta'l-akkuża kull meta d-difetti fl-atti kumpilatorji jkunu jikkonsistu fin-nuqqas ta' qari tal-akkużi mill-Prosekutur, jew in-nuqqas li jsir l-eżami mingħajr ġurament tal-akkużat, in-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Qorti Istruttorja li tiddikjara illi l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, u meta l-Qorti Istruttorja tirrifjuta mingħajr raġuni valida illi tisma' il-provi miġjuba mill-imputat, bid-difetti jew nuqqasijiet fl-evidenza kkumpilata ma hijiex waħda mir-raġunijiet li tista' twassal għal nullita', billi din il-materja tista' tolqot biss lammissibbilita' o meno ta'l-istess.*

*17. Għaldaqstant għal motivi hawn fuq miġjuba u ukoll għal motivi ndikati b'mod erudit fis-sentenza appellata, u li din l-Qorti tagħmel tagħha, dan l-aggravju qed jkun miċħud.'*

Ghaldaqstant, a skans ta' hafna repetizzjoni, in vista ta' dak ritenut fis-sentenza sucitatat, din il-Qorti qedgha tichad l-eccezzjoni mmarkata 4(i).

Illi fir-rigward l-eccezzjoni nnumerata 4(ii) l-Artikolu 667 tal-Kodiċi Kriminali iqieghed fuq l-ispalla tar-Registratur tal-Qorti Kriminali r-responsabbilita' li jżomm fil-kustodja tiegħu l-oggetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-proceduri kriminali. Sussegwentament, l-Artikolu 669 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaghti s-setgha lir-Registratur tal-Qorti jikkustodixxi l-oggetti kollha li jigu ezebiti fil-Qorti, jghid hekk: -

*(1) Ir-reġistratur għandu jiżgura li l-oġġetti kollha lilu kkunsinnati għandhom jiġu katalogati, maħżuna u preservati sew kif ukoll miżmuma f'post sigur li jiġi stabbilit mir-reġistratur.*

*(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, ir-reġistratur* ***jista'****, bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jaħtar lil persuni oħra biex iżommu dawk l-oġġett jew klassijiet ta' oġġetti*

*f'ismu taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis li jkun sew iżda l-ismijiet ta' dawk il-persuni għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.* (sottolinear tal-Qorti)

Illi, mid-dicitura tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 669 tal-Kodici Kriminali, senjatament mill-kelma "**jista'**", jirrizulta bic-car li l-legislatur kien qieghed jaghti lir-Registratur tal-Qrati d-diskrezzjoni sabiex jahtar persuna ohra biex izomm oggetti f'ismu. Li kieku l-legislatur kien qed jimponi fuq ir-Registratur obbligu sabiex huwa jghaddi certi oggetti lill-entita' terza, certament li s-setgha ma kenitx tkun wahda fakoltattiva izda tassattiva.[9]

In oltre, l-akkuzat qed isostni illi tali inosservanza taghti lok ukoll ghal difett procedurali serju dwar kontinwita' t'evidenza. Fl-appell fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Clayton Azzopardi**,[10] il-Qorti qalet hekk f'dan ir-rigward:

*'lli, imbagħad fuq l-allegazzjoni ventilata mill-appellant illi hemm difett proċedurali dwar il-kontinwita ta'l-evidenza, din il-Qorti stqarret illi "l-ewwel ħolqa fil-katina tal-evidenza sseħħ meta, f'dan il-każ taħt il-lenti tal-qorti li jitratta reati dwar pussess aggravat ta' droga, tiġi misjuba dik id-droga mill-investigatur, bit-tieni ħolqa tkun dak il-mument li d-droga tkun elevata u mneħħija mill-pussess tas-suspettat. Minn hawn l-uffiċjal tax-xena tar-reat irid jara li din tkun minnu kkustodita u ikkatalogata sakemm tkun mgħoddija lill-espert tal-qorti għall-eżamijiet forensiċi. L-aħħar ħolqa fil-katina tinħoloq meta l-espert igħaddi lura dik l-evidenza lil qorti. Minn hawn jitwieled id-dmir fil-qorti li dik l-evidenza tiġi ppreservata u kkustodita sal-mument meta jintemmu l-proċeduri kriminali. Din il-mansjoni ta' kustodja hija fdata f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, kif ingħad. Dan ifisser illi ma jistax jkun hemm ksur fil-katina tal-*

[9] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Victor Buttigieg** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar, 2023.
[10] Deciza nhar it-22 ta' Novembru, 2023.

*evidenza li b'xi mod tista' tikkontamina l-evidenza li trid issir permezz tal-oġġett eżebit mill-mument li din l-evidenza tgħaddi f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti jekk il-prova li trid temerġi tkun diġa' saret bl-analiżi mill-espert maħtur għal dan il-għan. .... Illi dawn il-fatturi, fil-fehma tal-Qorti jolqtu aktar is-saħħa probatorja ta' dik l-evidenza u mhux daqstant l-ammissibbbilita' tal-istess, fatturi li finalment iridu jemerġu mill-provi waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri meta imbagħad ikun fdat f'idejn il-ġurija.'*

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qedgha tichad ukoll l-eccezzjoni 4(ii) u ghaldaqstant qeghda tichad l-eccezzjoni numru 4 fl-intier taghha.

Permezz **tal-hames eccezzjoni,** l-akkuzati qed jitolbu l-isfilz tad-depozizzjoni tax-xhud Ryan Tonna u wkoll dik tat-tabib Mario Scerri u r-rapport tieghu li propju tirreferi ghall-istess xhud u dan peress illi minkejja li Ryan Tonna gie ndikat bhala xhud fil-lista tax-xhieda tal-Avukat Generali, ix-xhud ghadda ghal hajja ohra u ghalhekk ma jistax jiddeponi.

Din il-Qorti ma taqbilx ma dak ritenut mill-akkuzati fil-hames eccezzjoni taghhom u dan stante li ma hemmx raguni valida fil-ligi ghalxiex dawn id-depozizzjonijiet u r-rapport tat-tabib Mario Scerri ghandhom jigu sfilzati. Ghalkemm huwa minnu li x-xhud Ryan Tonna ghadda ghal hajja ohra, skond l-Artikolu 646 tal-Kodici Kriminali id-depozizzjoni tieghu ghandha tinqara lil gurati fic-celebrazzjoni tal-guri u mhux tigi sfilzata.
Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni wkoll qed tigi respinta.

**Fl-eccezzjoni numru sitta'**, l-akkuzati qed jitolbu l-isfilz tad-Dokument immarkat bhala JR3, ezebit minn John Refalo a fol. 366, konsistenti f'Rapport ossia NPS Report u dan peress illi dan l-istess rapport qatt ma gie kkonfermat minn Ufficjal tal-Pulizija. Di piu' qed jinghad illi dan ir-rapport jikkontjeni fih dikjarazzjoni tal-akkuzat Rennie

Fava, liema dikjarazzjoni jidher li ttihdet minghajr ma huwa nghata d-debita twissija u minghajr id-dritt tal-konsulenza legali.

Illi il-punt hekk imqajjem mill-akkuzati dwar li r-rapport ma giex ikkonfermat minn xi ufficjal tal-pulizija jirrigwardja l-valur probatorju u mhux l-ammissibbilta' ta' dokument. Ghaldaqstant, din hija kwistjoni li trid tigi determinata biss mill-gurati fil-kors tal-guri.

In oltre, jinghad illi r-rapport in kwistjoni jikkontjeni fih dikjarazzjoni tal-akkuzat Fava, liema dikjarazzjoni jidher li ttihdet minghajr ma huwa nghata d-debita twissija u minghajr id-dritt tal-konsulenza legali. B'harsa lejn Dok JR3 a fol 366 jirrizulta illi dan ir-rapport huwa '*Road Traffic Accident Insurance Report*'. Ix-xhud PC 482 Keith Muscat[11] spjega kif huwa nhar is-27 ta' Frar, 2016 hu kien *night watch* u ghall-habta tas-saghtejn u ghoxrin ta' filghodu jigifieri nhar it-28 ta' Frar, 2016 kellhom struzzjonijiet sabiex iwaqqfu karozza Matiz FDK 471 u huma hekk ghamlu. PC 482 spjega kif hargu tlett persuni minn go din il-vettura u hu telaq jigri wara Rennie Fava. Sussegwentament huwa qal is-segwenti kelmiet: '***Qbadnih, arrestajnih, tajnih il-caution.***'[12] Jigi nnutat illi l-hin tar-rapport in kwistjoni u anke l-hin tal-incident huma mnizzla 02.30 fuq l-istess rapport.[13] Di piu', b'harsa lejn l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat Fava a fol. 57 et seq tal-atti processwali, meta mistoqsi '***Taqbel li inti gejt moghti karta bid-drittijiet tieghek mal-arrest?***' Fava wiegeb '***Ija***'.

Madankollu, din il-Qorti ma jirrizultalix ezatt il-hin li l-akkuzat Fava inghata dawn id-drittijiet tieghu u lanqas x'tip ta' drittijiet inghatawlu. In oltre, din id-dikjarazzjoni nghatat fi zmien meta d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija kien ghadu mhux fil-ligi taghna u dan peress li gie ntrodott fil-Kodici Kriminali permezz ta' l-Att LI fit-28 ta' Novembru 2016 u d-dikjarazzjoni tal-akkuzat Fava giet rilaxxata f'dan ir-rapport nhar it-28 ta' Frar, 2016.

---

[11] Fol. 117 et seq tal-process.
[12] Fol. 117 tal-process.
[13] Fol. 366 tal-process.

Għaldaqstant, f'dan ir-rigward, din il-Qorti sejra tapplika l-istess linja ta'ħsieb applikata fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Clayton Azzopardi**[14] u oħrajn, u għalhekk għar-ragunijiet suesposti, specifikament għaliex ma jirrizultalix x'ħin u x'tip ta' drittijiet ingħataw lill-akkuzat qabel irrilaxxa d-dikjarazzjoni tiegħu, sejra tiddikjara id-dikjarazzjoni tal-akkuzat Rennie Fava u li li tinsab fl-NPS Report a fol. 366 et seq tal-process u kwalunkwe referenza għaliha bħala inammissibli u tordna l-isfilz tagħha. Konsegwentament u għal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qegħda tiġi milqugħa *in parte* stante illi Dok JR3 għandu jibqa' esebit fl-atti, filwaqt li d-dikjarazzjoni tal-akkuzat Rennie Fava li tinsab fl-istess Dok JR3, hija inammissibbli u għalhekk għandha tiġi sfilzata mill-atti processwali bi;l-għgan li ma tiġix murija lil ġurati.

**Fis-seba' eccezzjoni** tagħhom, l-akkuzati qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tisfilza s-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kevin Zerafa** u dan minħabba li ma hemm xejn x'jindika li din is-sentenza hija waħda finali u cioe' li għaddiet in ġudikat u dan in linea mal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, senjatament is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charlene Gatt** deciza per Onor Imħallef Aaron Bugeja nhar il-25 ta' Frar, 2021.

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel referenza għall-istess sentenza citata mill-akkuzati u cioe' **Il-Pulizija vs Charlene Gatt** fejn il-Qorti kienet qalet is-segwenti:

> '***F'kull każ tkun trid tinġieb il-prova li s-sentenza eżebita fl-atti in reċidiva kienet saret res iudicata billi jew li ma sarx appell minn dik is-sentenza jekk dik tkun sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza jew fil-każ fejn ikun sar appell minn sentenza tal-Prim'Istanza tinġieb prova bis-sentenza awtentika tal-Qorti tal-Appell Kriminali jew b'digriet awtentiku ta' deżerzjoni tal-appell u b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-Uffiċjal Prosekutur***

[14] Deciza minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta nhar il-11 ta' Mejju, 2023.

***<u>partikolari jew tar-Reġistratur li jikkonfermaw li mill-istħarriġ tagħhom ikun jirriżulta li dik is-sentenza partikolari tkun għaddiet in ġudikat. Altrimenti f'każ fejn ma jkunx hemm prova li s-sentenza kundannatorja preċedenti kienet res iudicata, ma jkunx jista' jingħad b'sikurezza li persuna hekk imputata bir-reċidiva tkun fil-fatt reċidiva skont il-Liġi u dan peress li sakemm il-posizzjoni tal-persuna imputata ma tkunx ġiet kristallizzata bil-ġudikat, l-istess posizzjoni ma tkunx tista' titqies li hija finali.'</u>***

Illi s-sentenzi hekk kif iccitati *supra* huma ammissibbli u dak li qed jilmentaw fuqu l-akkuzati jirrigwardja l-valur probatorju. Il-Qorti f'dan l-istadju tal-proceduri ma hijiex imsejha biex tiddeciedi dwar l-estent tal-valur probatorju tal-evidenza. Din id-deċizjoni ghandha issir unikament fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri b'din l-evidenza allura ma tistax tigi skartata meta l-provi ghadhom jridu jinstemghu. Ma huwiex l-iskop tal-Qorti Istruttorja u lanqas is-setgha tal-Qorti f'dan l-istadju li tissostitwixxi s-setgha mhollija unikament lil gurija li taghmel l-evalwazzjoni tal-provi.

Dawn is-sentenzi gew mitluba li jigu esebiti mill-Prosekuzzjoni bhala prova tar-recediva fil-konfront tal-akkuzat Kevin Joseph Zerafa. Kif diga' gie ritenut, jekk dan tal-ahhar hux recediv *o meno*, hija xi haga li trid tigi deciza fl-istadju tal-guri mill-Imhallfin tal-fatt, wara li jkunu ddeponew ix-xhieda kollha u sussegwentament ukoll jkunu gew indirizzati mill-Imhallef togat.
Ghaldaqstant din l-ahhar eccezzjoni qeghda tigi respinta.

Illi stante li s-seba' eccezzjonijiet imressqa mill-akkuzat Kevin Joseph Zerafa huma identici ghas-seba' eccezzjonijiet imressqa mill-akkuzati Luke Vella u Rennie Fava, din il-Qorti tghid illi qeghda tichad l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-seba' (7) eccezzjonijiet, filwaqt li qeghda tilqa' is-sitt eccezzjoniji preliminari hekk kif imressqa mill-akkuzat Kevin Joseph Zerafa u dan ghall-istess ragunijiet moghtija ghall-eccezzjonijiet imressqa mill-akkuzati Luke Vella u Rennie Fava.

In vista tas-suespost, din il-Qorti fir-rigward tal-akkuzati Luke Vella u Rennie Fava qeghda tichad l-eccezzjonijiet numru wiehed (1) ,tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5) u sebgha (7). Illi in oltre, din il-Qorti qedgha tilqa' *in parte* is-sitt (6) eccezzjoni tal-akkuzati stante illi Dok JR3 ghandu jibqa' esebit fl-atti, filwaqt li d-dikjarazzjoni tal-akkuzat Rennie Fava li tinsab fl-istess Dok JR3 u kwalunkwe referenza ghaliha, huma inammissibbli u ghalhekk id-dikjarazzjoni ghandha tigi sfilzata mill-istess rapport u mill-atti processwali.

In oltre, fir-rigward tal-akkuzat Kevin Joseph Zerafa din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet numru wiehed (1) ,tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5) u sebgha (7). Illi in oltre, din il-Qorti qedgha tilqa' *in parte* is-sitt (6) eccezzjoni tal-akkuzat Zerafa stante illi Dok JR3 ghandu jibqa' esebit fl-atti, filwaqt li d-dikjarazzjoni tal-akkuzat Kevin Joseph Zerafa li tinsab fl-istess Dok JR3 u kwalunkwe referenza ghaliha, huma inammissibbli u ghalhekk id-dikjarazzjoni ghandha tigi sfilzata mill-istess rapport u mill-atti processwali.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tordna l-prosegwiment ta' dawn il-proceduri.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Maria Grech
Deputat Registratur